TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru. 344

KAZ NRU. 481

Fit-tilwima tax-xoghol

bejn

Tony Tanti

u

Tower Investments Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Data : 30 ta' Novembru 1989

Chairman : Is-Sur A. DeGiovanni

1. DAHLA

1.1. Il-Ministru tal-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 3 ta' Frar, 1989, riferenza MSP/4/88/36 talab lit-Tribunal Industrijali biex jaghti decizjoni dwar din it-tilwima skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 28 (2) ta' l-Att XXX ta' l-1976.

1.2. It-Tribunal iltaqa' hdax-il darba.

1.3. L-appellant kien meghjun mill-Perit Carmel Cacopardo u l-Kumpanija kienet meghjuna f'diversi stadji mis-Sinjuri Alfred Fabri u Ian Azzopardi u mill-Avukat J. Caruana Scicluna.

2. TAGHRIF GENERALI U TALBIET TAL-PARTIJIET

2.1. L-appellant;

2.1.1. Stqarr li hu kien impjegat b'mod regolari skond il-ligi mat-Tower Investments Ltd. fl-1 ta' Frar, 1988 b'kuntratt ghal zmien mhux definit.

/.....

2.1.2. Stqarr li l-impieg tieghu kien gie mitmum nhar il-21 ta' Novembru 1989, minhabba tilwima li qamet bejnu u bejn is-Sur Joseph Farrugia, u mhux minhabba "redundancy" kif allegat il-Kumpanija.

2.1.3. Talab sabiex it-tkeccija tieghu mill-impieg tkun dikjarata ingusta.

2.1.4. Talab sabiex il-Kumpanija tkun ordnata thallsu l-paga shiha ghaz-zmien kollu minn meta ntemm l-impieg sakemm rega' sab impieg permanenti.

2.1.5. Talab ukoll kumpens xieraq.

2.1.6. Talab li l-Kumpanija tkun ordnata thallas is-sehem taghha tal-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Nazzjonali ghaz-zmien kollu bejn it-22 ta' Novembru 1988 u d-data meta rega' sab impieg permanenti.

2.2. Il-Kumpanija stqarret li :

2.2.1. Nhar l-1 ta' Frar 1988, hi mpjegat lil Tony Tanti bhala "handyman" biex jaghmel xoghol ta' manutenzjoni fil-Holiday Complex ta' St Paul's Court.

2.2.2. Il-Ftehim ta' Kiri bejn Sun Services Ltd. u S.P.C. Real Estate, Ltd. intemm fil-31 ta' Ottubru 1988.

2.2.3. Fl-istess data tal-31 ta' Ottubru 1988, intemm ukoll il-kuntratt ta' manutenzjoni tat-Tower Investments Ltd. u b'hekk spicca wkoll id-dmir tal-Kumpanija li tkompli taghmel xoghol ta' manutenzjoni.

2.2.4. Ghalhekk wara perjodu ta' tliet gimghat l-impieg ta' Tony Tanti intemm nhar il-21 ta' Novembru 1988 "on redundancy grounds."

/.....

2.2.5. It-temma ta' l-impieg ta' Tony Tanti kien kaz ta' "redundancy" genwina u ghalhekk kien ghal kawza gusta u skond il-Ligi u m'ghandux jinstema' mit-Tribunal.

3. LISTA TA' XHIEDA

3.1. Ghall-appellant xehdu :

Is-Sur Joseph Agius
Is-Sur Joseph Sammut
Is-Sur Tony Tanti

3.2. Ghall-Kumpanija xehdu :

Is-Sinjura Mary Azzopardi
Is-Sur Joseph Preca
Is-Sinjura Guza Sant
Is-Sur Lewis Tabone

3.3. Is-Sur Joseph Farrugia kien xhud komuni ghaz-zewg partijiet.

3.4. Is-Sinjura Pauline Gatt u s-Sinjorina Mary Scerri kienu mitlubin jixhdu f'konfront immexxi mic-Chairman.

4. PREZENTAZZJONI TA' DOKUMENTI

4.1. L-appellant ipprezenta d-dokumenti li jidhru hawn taht :

4.1.1. Kopja tac-certifikat tat-temma ta' l-impieg D.O.L. 316 (Ara Dok. A).

4.1.2. Set ta' 4 ritratti (Ara Dok. B).

4.1.3. Ittra datata 27 ta' Frar 1989 b'konnessjoni tas-sottomissjoni preliminari (Ara Dok. C 1)

/.....

4.1.4. Kopja ta' ittra mibghuta lill-Onorevoli Professur G. Demarco li kienet tipprotesta kontra l-aggornament tas-smiegh tal-kaz mic-Chairman tat-Tribunal (Ara Dok. D).

4.1.5. Kopja ta' dikjarazzjoni li tikkonferma fost affarijiet ohra li l-appellant kien impjegat mat-Tower Investments Ltd. (Ara Dok. E.).

4.1.6. Kopja ta' zewg pagni mill-ktieb tax-xoghol ta' Tony Tanti (Ara Dok. F).

4.2. Il-Kumpanija pprezentat id-dokumenti li jidhru hawn taht;

4.2.1. Rizoluzzjoni tat-Tower Investments Ltd. datata 1.3.89 fejn hatret lis-Sur Joseph Farrugia biex imexxi l-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali (Ara Dok K 1).

4.2.2. Kopja ta' ftehim datat 1 t'Ottubru 1987, bejn Edrichton Holdings Ltd., Tower Investments Ltd. u S.P.C. Real Estates Ltd. (Ara Dok. K 2).

4.2.3. Kopja ta' ittra mibghuta lid-Direttur tax-Xoghol datata 16 ta' Frar, 1989, fejn hemm spjega dwar l-impieg ta' hoddiem gdid mal-Kumpanija SPC Real Estate Ltd. (Ara Dok. K 3).

4.2.4. Ittra mibghuta lis-Segretarju tat-Tribunal datata 13 ta' Marzu 1989, fejn il-Kumpanija talbet biex tkun meghjuna mill-Avukat taghha quddiem it-Tribunal (Ara Dok. K 4).

/.....

4.2.5. Ittra mibghuta lis-Segretarju tat-Tribunal datata 8 t'Awissu 1989, riferenza TA/MM li kienet tinkludi l-lista tax-xhieda mitluba mit-Tribunal (Ara Dok. K 5).

4.2.6. Kopja ta' Ftehim minghajr data bejn S.P.C. Real Estate Ltd. u Edrichton Holdings Ltd. (Ara Dok. K 6).

4.2.7. Kopja ta' numru ta' cekkijiet li bihom kien jithallas l-appellant inkluz dak tat-temm ta' l-impieg (Ara Dok. K 71 sa K 7 5).

4.2.8. Kopja ta' rendikont mhux iffirmat li kien juri ta' xhiex jew ghal xhiex kien sar l-ahhar hlas (Ara Dok. 75.).

4.2.9. Kopja tar-rikonciljazzjoni annwali tat-taxxa u kontribuzzjonijiet imhallsa mill-appellant (Ara Dok. K 8).

4.2.10. Kopja ta' ricevuti tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni li jikkonfermaw il-hlas ta' Taxxa mill-Kumpanija (Ara Dok. K 9 sa K 9 9).

4.2.11. Kopja ta' cekkijiet li bihom kien jithallas Joseph Agius mill-S.P.C. Real Estate Ltd. (Ara DoK'. K 10).

4.2.12. Kopja tal-Kuntratt tax-Xoghol ta' Joseph Agius li jikkonferma l-impieg tieghu mal-S.P.C. Real Estate Ltd. (Ara Dok. K 11).

4.2.13. Kopja tal-pagni numru 4,5,6,7,8,9,22 u 23 tal-ktieb tax-xoghol ta' Joseph Agius li joqghod "Muscat" Block 2, Flat 6, Triq il-Freres, Sliema (Ara Dok. K 12).

4.2.14. Kopja tal-pagni numru 4,5,6,7,8,9,10,11,22 u 23 tal-ktieb tax-xoghol ta' Joseph Agius li joqghod 1 Hal-Bajjada Str., Rabat (Ara Dok. K 13).

/.....

4.2.15. Kopja ta' ittra mhux iffirmata datata 14 ta' Settembru 1987, mibghuta minn Edrichton Holidays Ltd. lill-S.P.C. Real Estate Ltd. fejn din ta' l-ahhar kienet avzata bil-quddiem dwar il-hin ta' l-appuntamenti ghas-sena 1.11.88 sa 31.10.89 (Ara Dok. K 14).

4.2.16. Kopja ta' ittra datata 24 ta' Settembru 1989, mibghuta mill-S.P.C. Real Estate Ltd. lill-Edrichton Holidays Ltd., bi twegiba ghal 4.2.15 (Ara Dok. K 14).

5. ARGUMENTI U PROVI TAL-PARTIJIET

5.1. L-appellant argumenta li :

5.1.1. hu kien impjegat mill-Kumpanija erba' xhur wara li Edrichton Holdings Ltd., kienet avzat lil S.P.C. Real Estate Ltd., li ma kellhiex hsieb terga' tibni is-36 appartament wara l-31.10.88 (Ara Dok. K 14).

5.1.2. meta ghal habta ta' Awissu, 1988 hu talab permess ghal leave bi hlas fit-tul matul ix-xahar ta' Dicembru, is-Sur Joseph Farrugia sab oggezzjoni ghat-tul ta' zmien mitlub (14.9.89 P 49).

5.1.3. meta qabel ma jidhol ghall-infieq straordinarju biex jixtri karrozza, hu staqsa lis-Sur Joseph Farrugia dwar is-sigurta' ta' l-impieg, l-istess Kap tieghu kien serrahhlu rasu (10.8.89 Pagna 15).

5.1.4. ir-raguni tar-"redundancy" inholqot wara t-tilwima bejnu u s-Sur Joseph Farrugia nhar il-21 ta' Novembru 1988.

/.....

5.2. Il-Kumpanija argumentat li ;

5.2.1. mhemmx dubbju li Tony Tanti kien impjegat mat-Tower Investments Ltd. (Ara Dok. F,E,K 8 sa K 9.9 u Dok A).

5.2.2. il-kuntratti K 2 u K 6 skadew fil-31 ta' Ottubru 1988 u ma gewx imgedda. Ghaldaqstant wara din id-data, l-obbligu tat-Tower Investments Ltd., li taghmel xoghol ta' trigija u manutenzjoni spicca, hlief ghal perjodu qasir wara.

5.2.3. kif jirrizulta car mill-provi wara l-31 ta' Ottubru 1988 il-Kumpanija qatt ma nghatat xoghol iehor (10.3.89 P. 37).

5.2.4. l-uniku obbligu li timponi l-ligi fuq min ihaddem, f'kaz ta' "redundancy" huwa li jew javza lill-impjegat bil-quddiem jew ihallsu skond il-ligi. F'dan il-kaz il-Kumpanija ghazlet it-tieni triq.

5.2.5. minhabba li fis-suq turistiku jezistu hafna incertezzi, is-Sur Joseph Farrugia ma kienx qalbu maqtugha li jirnexxielu jsib kiri ta' l-appartamenti lil xi kumpanija ohra. Kien ghalhekk li ma setghax jaghti twegiba cara ghat-talba ta' l-appellant biex jiehu leave bil-hlas fit-tul.

5.2.6. il-verzjoni ta' l-appellant dwar it-twegiba li nghata ghall-mistoqsija tieghu dwar is-sigurta' ta' l-impieg ma taqbilx ma dak li stqarr is-Sur Joseph Farrugia.

/.....

5.2.7. min iheddem m'ghandux ikun penalizzat ghaliex ma tterminax l-impieg l-ghada li skadew iz-zewg kuntratti li ghalihom saret riferenza aktar 'l quddiem.

5.2.8. ga la darba is-sitwazzjoni ta' "redundancy" kienet tezisti fil-mument tat-temma ta' l-impieg it-tilwima li nqalet bejn l-appellant u s-Sur Joseph Farrugia hija rrelevanti.

5.2.9. mhux argument validu li ghaliex l-ewwel tlett cekks hargu mill-fondi tal-S.P.C. Real Estate Ltd. l-appellant kellu xi dritt jinghata mpieg minnha wara li t-Tower Investments Ltd. spiccalha x-xoghol.

5.2.10. il-Kumpanija ma' mpjegat lil hadd maghha wara t-temma ta' l-impieg ta' l-appellant.

5.2.11. il-genwinita tar-"redundancy" tidher kemm mill-fatt li tnizzlet mill-ewwel fic-certifikat (Ara Dok. A) kif ukoll ghaliex issemmiet bejn l-appellant u s-Sur Preca qabel ma dan kien tkellem mas-Sur Joseph Farrugia dwar il-kaz.

5.2.12. ga la darba hlas minflok avviz jinghata biss f'kaz ta' "redundancy" u ga la darba l-appellant accetta c-cekk li kien jinkludi hlas tali, u sarrfu minghajr rizerva, allura l-appellant accetta ir-"redundancy".

5.2.13. kif jirrizulta minn diversi xhieda matul il-process, l-appellant ma qalx il-verita' diversi drabi. F'dan l-isfond it-Tribunal ghandu jara jekk l-appellant ghamilx sforz sincier biex isib impieg iehor f'xoghol li kien jaf jaghmel.

/.....

## 6. KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

It-Tribunal ;

6.1. osserva li l-Kumpanija ghamlet car lill-appellant li r-raguni tat-temma ta' l-impieg kienet "redundancy". Dan ghamlitu billi kitbet fic-certifikat Dok A din ir-raguni u wkoll billi ma l-ahhar cekk ghamlet skeda li turi hlas ta' erbghin lira Maltin minflok avviz ta' hamest ijiem mitlub mill-Ligi.

6.2. jinsab konvint li l-appellant fehem ir-raguni ta' t-temma ta' l-impieg allegata mill-Kumpanija u meta fit-30 ta' Novembru 1933, sarraf ic-cekk kien jaf li kien qed jircievi flus li l-Kumpanija stqarret bil-miktub li kienet qed tghatihomlu minflok avviz ta' sensja.

6.3. osserva wkoll li l-appellant fl-ebda stadju ma ghamel xi riserva dwar it-tisrif tac-cekk jew ha xi azzjoni ohra biex juri b'mod car li ma accettax il-hlas moghti minflok l-avviz tas-sensja.

## 7. DECIZJONI

Fid-dawl ta' dan kollu, it-Tribunal jiddeciedi li l-imgieba ta' l-appellant turi li hu accetta s-sensja ghar-raguni miktuba fic-certifikat Dok A u l-Kumpanija ghandha tkun ritenuta hielsa minn kull obbligazzjoni.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

9. DRITTIJIET TA' HLAS

It-Tribunal jordna liz-zewg partijiet li d-drittijiet li jithallsu ghas-servizz quddiem it-Tribunal ikunu skond ir-Regolamenti ta' 1-1986 Dwar Drittijiet li Jithallsu.

A. DEGIOVANNI
CHAIRMAN

C. CHETCUTI
SEGRETARJU